32006R0207

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 207/2006

tas-7 ta' Frar 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqalqu ġewwa l-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqalqu ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 122 tiegħu,

Billi:

(1) Xi Stati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom talbu li jsiru emendi fl-Annessi għar-Regolament (KEE) Nru 574/72 skond il-proċedura stabbilita fih.

(2) L-emendi proposti huma minħabba d-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri kkonċernati jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jaħtru l-awtoritajiet li huma responsabbli biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tiġi implimentata skond il-liġi tal-Komunità.

(3) L-iskemi li għandhom jitqiesu fil-kalkolu ta' l-ispiża annwali medja għall-benefiċċji mhux fi flus, skond l-Artikolu 94 u l-Artikolu 95 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72, huma elenkati fl-Anness 9.

(4) Inkisbet l-opinjoni unanima tal-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Immigranti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi 1 sa 5 u l-Annessi 7 sa 10 għar-Regolament (KEE) Nru 574/72 huma emendati skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar is-7 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni
Vladimír ŠPIDLA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 74, tas-27.3.1972, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 647/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, ta' l-4.5.2005, p. 1).

ANNESS

1. **L-Anness 1 huwa emendat kif ġej:**

(a) Is-Sezzjoni "K. ĊIPRU" tinbidel b'dan li ġej:

"K. ĊIPRU:

1. Υπουργός Εργασίας και Κοινωνικών Ασφαλίσεων (Il-Ministru tax-Xogħol u l-Assigurazzjoni Soċjali), Lefkosia

2. Υπουργός Υγείας (Il-Ministru tas-Saħħa), Lefkosia.

3. Υπουργός Οικονομικών (Il-Ministru tal-Finanzi), Lefkosia."

(b) Is-Sezzjoni "L. IL-LATVJA" tinbidel b'dan li ġej:

"L. IL-LATVJA:

1. Labklājības ministrija, Rīga (Il-Ministeru ta' l-Assistenza Soċjali, Riga).

2. Veselības ministrija, Rīga (Il-Ministeru tas-Saħħa, Riga)."

(ċ) Is-Sezzjoni "O. L-UNGERIJA" tinbidel b'dan li ġej:

"O. L-UNGERIJA:

1. Egészségügyi Minisztérium (Il-Ministeru tas-Saħħa), Budapest.

2. Ifjúsági, Családügyi, Szociális és Esélyegyenlőségi Minisztérium (Il-Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Familja, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs), Budapest.

3. Foglalkoztatáspolitikai és Munkaügyi Minisztérium (Il-Ministeru ta' l-Impjiegi u x-Xogħol), Budapest.

4. Pénzügyminisztérium (Il-Ministeru tal-Finanzi), Budapest."

(d) Is-Sezzjoni "Q. L-OLANDA" hija emendata kif ġej:

Il-Punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Minister van Volksgezondheid, Welzijn en Sport (Il-Ministru tas-Saħħa Pubblika, l-Assistenza Soċjali u l-Isport), L-Aja."

(e) Is-Sezzjoni "R. L-AWSTRIJA" tinbidel b'dan li ġej:

"R. L-AWSTRIJA:

1. Bundesminister für soziale Sicherheit, Generationen und Konsumentenschutz, (Il-Ministru Federali tas-Sigurtà Soċjali, il-Ġenerazzjonijiet u l-Protezzjoni tal-Konsumatur), Vjenna.

2. Bundesminister für Wirtschaft und Arbeit (Il-Ministru Federali ta' l-Affarijiet Ekonomiċi u x-Xogħol), Vjenna.

3. Bundesminister für Gesundheit und Frauen (Il-Ministru Federali tas-Saħħa u n-Nisa), Vjenna.

4. Skemi speċjali għall-impjegati taċ-ċivil:

Bundeskanzler (Il-Kanċillier Federali), Vjenna, jew il-gvern provinċjali kkonċernat."

2. **L-Anness 2 huwa emendat kif ġej:**

(a) Is-Sezzjoni "J. L-ITALJA" hija emendata kif ġej:

(i) Il-Punt 3.A. jinbidel b'dan li ġej:

"A. Persuni impjegati:

(a) ġenerali:

Istituto nazionale della previdenza sociale (L-Istitut Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali), l-uffiċċji provinċjali;

(b) għall-ħaddiema fil-qasam tad-divertiment:

Ente nazionale di previdenza e assistenza per i lavoratori dello spettacolo (L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali u l-Għajnuna għall-Ħaddiema fil-Qasam tad-Divertiment), Ruma;

(c) għall-ġurnalisti:

Istituto nazionale di previdenza per i giornalisti italiani 'G. Amendola' (L-Istitut Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali għall-Ġurnalisti Taljani 'G. Amendola'), Ruma."

(ii) Il-Punt 3.B. jinbidel b'dan li ġej:

"B. Persuni li jaħdmu għal rashom:

(a) għat-tobba:

Ente nazionale di previdenza ed assistenza medici (L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali u l-Għajnuna għat-Tobba);

(b) għall-ispiżjara:

Ente nazionale di previdenza ed assistenza farmacisti (L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali u l-Għajnuna għall-Ispiżjara);

(c) għall-veterinarji:

Ente nazionale di previdenza ed assistenza veterinari (L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali u l-Għajnuna għall-Veterinarji);

(d) għall-infermiera, l-awżiljarji mediċi u l-infermiera tat-tfal:

Cassa nazionale di previdenza ed assistenza a favore degli infermieri professionali, assistenti sanitari, vigilatrici d'infanzia (IPASVI);

(e) għall-inġiniera u l-arkitetti:

Cassa nazionale di previdenza ed assistenza per gli ingegneri ed architetti liberi professionisti;

(f) għall-istimaturi/proġettisti:

Cassa italiana di previdenza dei geometri liberi professionisti;

(g) għall-avukati tal-qrati inferjuri u superjuri:

Cassa nazionale di previdenza ed assistenza forense;

(h) għall-ekonomisti:

Cassa nazionale di previdenza ed assistenza a favore dei dottori commercialisti (L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali u l-Għajnuna għall-Ekonomisti);

(i) għall-akkawntants:

Cassa nazionale di previdenza ed assistenza a favore dei ragionieri e periti commerciali (L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali u l-Għajnuna għall-Akkawntants);

(j) għall-konsulenti ta' l-impjieg:

Ente nazionale di previdenza ed assistenza per i consulenti del lavoro (L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali u l-Għajnuna għall-Konsulenti ta' l-Impjieg);

(k) għan-nutara:

Cassa nazionale notariato (Fond Nazzjonali għan-Nutara);

(l) għall-aġenti tad-dwana:

Fondo nazionale di previdenza per i lavoratori delle imprese di spedizione corrieri e delle Agenzie marittime raccomandatarie e mediatori marittimi (FASC);

(m) għall-bijoloġisti:

Ente nazionale di previdenza ed assistenza a favore dei biologi;

(n) għat-tekniċi u x-xjenzati agrikoli:

Ente nazionale di previdenza per gli addetti e per gli impiegati in agricoltura;

(o) għar-rappreżentanti tal-kummerċ:

Ente nazionale di assistenza per gli agenti e rappresentanti di commercio;

(p) għat-tekniċi industrijali:

Ente nazionale di previdenza dei periti industriali;

(q) għall-attwarji, il-kimiki, l-agronomisti, l-ispeċjalisti forestali u l-ġeoloġi:

Ente nazionale di previdenza ed assistenza pluricategoriale degli agronomi e forestali, degli attuari, dei chimici e dei geologi;

(r) għall-psikologi:

Ente Nazionale di previdenza ed assistenza per gli psicologi (L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali u l-Għajnuna għall-Psikologi);

(s) għall-ġurnalisti:

Istituto Nazionale di previdenza dei giornalisti italiani 'Giovanni Amendola' (L-Istitut Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali għall-Ġurnalisti Taljani 'Giovanni Amendola')."

(b) Is-Sezzjoni "K. ĊIPRU" tinbidel b'dan li ġej:

"K. ĊIPRU:

1. Benefiċċji mhux fi flus:

Υπουργείο Υγείας, Λευκωσία, (Il-Ministeru tas-Saħħa, Lefkosia).

2. Benefiċċji fi flus:

Υπηρεσίες Κοινωνικών Ασφαλίσεων, Υπουργείο Εργασίας και Κοινωνικών Ασφαλίσεων, Λευκωσία (Id-Dipartiment tas-Servizzi ta' l-Assigurazzjoni Soċjali, fil-Ministeru tax-Xogħol u l-Assigurazzjoni Soċjali, Lefkosia).

3. Benefiċċji tal-familja:

Υπηρεσίες Χορηγιών και Επιδομάτων, Υπουργείο Οικονομικών, Λευκωσία (Is-Servizz ta' l-Għotjiet u l-Benefiċċji, fil-Ministeru tal-Finanzi), Lefkosia."

(c) Is-Sezzjoni "L. IL-LATVJA" tinbidel b'dan li ġej:

"L. IL-LATVJA:

Il-kompetenza ta' l-istituzzjonijiet għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Latvja, sakemm m'huwiex speċifikat mod ieħor minn hawn 'il quddiem.

1. Għall-kontinġenzi kollha, ħlief għall-kura tas-saħħa mogħtija mhux fi flus: Valsts sociālās apdrošināšanas aģentūra, Rīga (L-Aġenzija Statali ta' l-Assigurazzjoni Soċjali, Riga).

2. Kura tas-saħħa mogħtija mhux fi flus: Veselības obligātās apdrošināšanas valsts aģentūra, Rīga (L-Aġenzija Statali ta' l-Assigurazzjoni Soċjali Obbligatorja, Riga)."

(d) Is-Sezzjoni "O. L-UNGERIJA" hija emendata kif ġej:

Il-Punt 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Benefiċċji tal-familja:

Benefiċċji fi flus:

1. Magyar Államkincstár (It-Teżor ta' l-Istat Ungeriż);

2. Országos Egészségbiztosítási Pénztár (Il-Fond Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni fuq is-Saħħa)."

(e) Is-Sezzjoni "Q. L-OLANDA" hija emendata kif ġej:

Il-Punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Mard u maternità:

(a) benefiċċji mhux fi flus:

— għall-persuni li, skond l-Artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa, huma obbligati li jkollhom polza ta' l-assigurazzjoni ma' assiguratur tal-kura tas-saħħa: l-assiguratur tal-kura tas-saħħa li miegħu l-persuna kkonċernata kkonkludiet l-assigurazzjoni fuq il-kura tas-saħħa skond it-tifsir ta' l-Att dwar l-Assigurazzjoni dwar il-Kura tas-Saħħa;

— jew persuni mhux inklużi fil-kategorija ta' l-inċiż preċedenti li huma residenti barra mill-pajjiż u li, permezz ta' l-applikazzjoni tar-Regolament jew skond il-Ftehim ŻEE jew il-Ftehim ma' l-Iżvizzera dwar il-moviment ħieles tal-persuni, huma intitolati għall-kura tas-saħħa fil-pajjiż tar-residenza tagħhom skond il-leġiżlazzjoni Olandiża:

1. jew ir-reġistrazzjoni u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet statutorji: College voor zorgverzekeringen fi Diemen;

2. jew kura tas-saħħa: is-CZ f'Tilburg;

(b) Benefiċċji fi flus:

Uitvoeringsinstituut Werknemersverzekeringen, Amsterdam (L-Istitut Amministrattiv ta' l-Assigurazzjoni ta' l-Impjegati, Amsterdam);

(c) *allowances* għall-kura tas-saħħa:

Belastingdienst Toeslagen, Utrecht."

(f) Is-Sezzjoni "R. L-AWSTRIJA" hija emendata kif ġej:

(i) Il-Punt 2(b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 45(6) tar-Regolament, jekk l-ebda perjodu ta' kontribuzzjoni ma ġie kkompletat fl-Awstrija, u biex jitqiesu l-perjodi ta' servizz militari u ċivili u perjodi ta' trobbija tat-tfal li m'humiex preċeduti jew segwiti minn perjodu ta' assigurazzjoni fl-Awstrija: Pensionsversicherungsanstalt (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni tal-Pensjoni), Vjenna."

(ii) Il-Punt 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Benefiċċji tal-familja:

(a) Benefiċċji tal-familja bl-eċċezzjoni tal-Kinderbetreuungsgeld (*allowance* għall-kura tat-tfal): Finanzamt (L-Uffiċċju tat-Taxxa);

(b) Kinderbetreuungsgeld (*allowance* għall-kura tat-tfal): l-istituzzjoni ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard li magħha huwa assigurat l-applikant jew li magħha kien assigurat l-aħħar, inkella l-Gebietskrankenkasse (Il-Fond Reġjonali ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa) li għalih tkun saret l-applikazzjoni."

(g) Is-Sezzjoni "S. IL-POLONJA" hija emendata kif ġej:

(i) Il-Punt 2(a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) għall-persuni li reċentement kienu impjegati jew ħadmu għal rashom, eskluži l-bdiewa li jaħdmu għal rashom, u għal suldati u uffiċjali professjonali li kkompletaw perjodi ta' servizz għajr dawk imniżżla fis-subpunti (ċ)(i), (ċ)(ii), (d)(i), (d)(ii), (e)(i) u (e)(ii):

1. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali — ZUS) — L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Łódź — għall-persuni li kkompletaw:

(a) b'mod esklużiv perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki, li joqogħdu fit-territorju ta' Spanja, il-Portugall, l-Italja, il-Greċja, Ċipru jew Malta;

(b) perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi kkompletati dan l-aħħar fi Spanja, il-Portugall, l-Italja, il-Greċja, Ċipru jew Malta;

2. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Nowy Sącz – għall-persuni li kkompletaw:

(a) b'mod esklużiv perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki, li joqogħdu fit-territorju ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja jew is-Slovenja;

(b) perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fl-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja jew is-Slovenja;

3. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali — ZUS) — L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Opole — għall-persuni li kkompletaw:

(a) b'mod esklużiv perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki, li joqogħdu fit-territorju tal-Ġermanja;

(b) perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fil-Ġermanja;

4. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali — ZUS) — L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Szczecin — għall-persuni li kkompletaw:

(a) b'mod esklużiv perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki, li joqogħdu fit-territorju tad-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Litwanja, il-Latvja jew l-Estonja;

(b) perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fid-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Litwanja, il-Latvja jew l-Estonja;

5. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali — ZUS) — I Oddział w Warszawie — Centralne Biuro Obsługi Umów Międzynarodowych (u l-Fergħa f'Varsavja — L-Uffiċċju Ċentrali għall-Ftehim Internazzjonali) — għall-persuni li kkompletaw:

(a) b'mod esklużiv perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki, li joqogħdu fit-territorju tal-Belġju, Franza, l-Olanda, il-Lussemburgu, l-Irlanda jew ir-Renju Unit;

(b) perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fil-Belġju, Franza, l-Olanda, il-Lussemburgu, l-Irlanda jew ir-Renju Unit;"

(ii) Il-Punt 3(a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) benefiċċji mhux fi flus: Narodowy Fundusz Zdrowia Warszawa (Il-Fond Nazzjonali għas-Saħħa, Varsavja);"

(iii) Il-Punt 3(b)(ii) jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) diżabbiltà jew mewt tal-persuna li taqla' l-paga prinċipali:

— għall-persuni li kienu impjegati jew jaħdmu għal rashom (eskluži l-bdiewa li jaħdmu għal rashom) fiż-żmien meta ir-riskju mmaterjalizza ruħu u għall-persuni li kienu gradwati qiegħda rreferuti għal taħriġ jew apprendistat meta r-riskju mmaterjalizza ruħu:

l-unitajiet ta' l-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali (Zakład Ubezpieczeń Społecznych) elenkati fil-punt 2, is-subpunt (a);

— għall-persuni li kienu jaħdmu għal rashom bħala bdiewa fiż-żmien meta r-riskju mmaterjalizza ruħu:

l-unitajiet tal-Fond Agrikolu ta' l-Assigurazzjoni Soċjali (Kasa Rolniczego Ubezpieczenia Społecznego) elenkati fil-punt 2, is-subpunt (b);

— għas-suldati professjonali, jekk ir-riskju jimmaterjalizza ruħu waqt perjodu ta' servizz militari:

Wojskowe Biuro Emerytalne w Warszawie (L-Uffiċċju tal-Pensjoni Militari f'Varsavja);

— għall-uffiċjali, imsemmija fil-punt 2, is-subpunt (d), jekk ir-riskju jimmaterjalizza ruħu waqt perjodu ta' servizz f'waħda mill-formazzjonijiet elenkati fil-punt 2, is-subpunt (d):

Zakład Emerytalno-Rentowy Ministerstwa Spraw Wewnętrznych i Administracji w Warszawie (L-Uffiċċju tal-Pensjonijiet tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Interni u l-Amministrazzjoni f'Varsavja);

— għall-uffiċjali tal-Gwardja tal-Ħabs, jekk ir-riskju mmaterjalizza ruħu waqt perjodu ta' tali servizz:

Biuro Emerytalne Służby Więziennej w Warszawie (L-Uffiċċju tal-Pensjonijiet tas-Servizz tal-Ħabs f'Varsavja);

— għall-imħallfin u l-prosekuturi:

l-entitajiet speċjalizzati tal-Ministeru tal-Ġustizzja."

(iv) Il-Punti 4(c), (d) u (e) huma mibdula b'dan li ġej:

"(c) għal suldati professjonali:

entitajiet speċjalizzati tal-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali;

(d) għal uffiċjali tal-Pulizija, uffiċjali tal-Brigada Nazzjonali tat-Tifi tan-Nar, uffiċjali tal-Gwardja tal-Fruntieri, Aġenzija tas-Sigurtà Interna u Uffiċjali ta' l-Aġenzija ta' l-Inteliġenza Estera u uffiċjali ta' l-Uffiċju tas-Sigurtà tal-Gvern:

entitajiet speċjalizzati tal-Ministru ta' l-Affarijiet Interni u l-Amministrazzjoni;

(e) għal uffiċjali tal-Gwardja tal-Ħabs:

entitajiet speċjalizzati tal-Ministeru tal-Ġustizzja;"

(v) Il-Punt 4(g) jinbidel b'dan li ġej:

"(g) għall-pensjonati:

— li huma intitolati għall-benefiċċji minn sistema ta' assikurazzjoni soċjali għal impjegati u impjegati għal rashom, minbarra bdiewa għal rashom:

unitajiet ta' l-Istituzzjoni ta' l-Assikurazzjoni Soċjali (Zakład Ubezpieczeń Społecznych) elenkati fil-punt 2, subpunt (a);

— li huma intitolati għall-benefiċċji minn sistema ta' assikurazzjoni soċjali għall-bdiewa:

unitajiet tal-Fond ta' l-Assikurazzjoni Soċjali ta' l-Agrikoltura (Kasa Rolniczego Ubezpieczenia Społecznego) elenkati fil-punt 2, subpunt (b);

— li huma intitolati għal benefiċċji minn sistema ta' protezzjoni tal-pensjoni għal suldati professjonali:

Wojskowe Biuro Emerytalne w Warszawie Uffiċċju tal-Pensjoni Militari f'Varsavja);

— li huma intitolati għall-benefiċċji minn sistema tal-protezzjoni tal-pensjoni għal uffiċjali, imsemmija fil-punt 2, subpunt (d):

Zakład Emerytalno-Rentowy Ministerstwa Spraw Wewnętrznych i Administracji w Warszawie (Uffiċċju tal-Pensjoni tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Interni u l-Amministrazzjoni f'Varsavja);

— li huma intitolati għal benefiċċji minn sistema ta' protezzjoni tal-pensjoni għal uffiċjali tal-Gwardja tal-Ħabs:

Biuro Emerytalne Służby Więziennej w Warszawie (Uffiċċju tal-Pensjoni tas-Servizz tal-Ħabs f'Varsavja);

— li kienu mħallfin u prosekuturi:

entitajiet speċjalizzati tal-Ministeru tal-Ġustizzja."

(vi) Il-Punt 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Benefiċċji tal-familja:

ċentru reġjonali ta' assistenza soċjali b'ġurisdiżżjoni territorjali fuq il-post tar-residenza jew domiċilju għall-persuna intitolata għall-benefiċċji."

(h) Is-Sezzjoni "X. L-IŻVEZJA" hija emendata kif ġej:

Il-Punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Għal benefiċċji tal-qgħad:

(a) Għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 80 sa 82 tar-Regolament ta' implimentazzjoni:

— il-fond tal-qgħad li għandu jkun kompetenti sabiex jittratta ma' applikazzjoni ta' benefiċċju fil-każ ta' qgħad fl-Iżvezja, jew

— l-awtorità ta' superviżjoni;

(b) Għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 83 tar-Regolament ta' implimentazzjoni:

— Inspektionen för arbetslöshetsförsäkringen (Il-Bord Żvediż ta' Assikurazzjoni Kontra l-Qgħad)."

3. **L-Anness 3 huwa emendat kif ġej:**

(a) Is-Sezzjoni "B. IR-REPUBBLIKA ĊEKA" hija emendata kif ġej:

Il-Punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Benefiċċji mhux fi flus:

(a) b'mod ġenerali:

il-kumpanija ta' l-assikurazzjoni tas-saħħa (skond l-għażla);

(b) għas-servizz ta' salvataġġ bl-ajru:

Ministerstvo zdravotnictví (Ministeru tas-Saħħa)."

(b) Is-Sezzjoni "J. L-ITALJA" hija emendata kif ġej:

(i) Il-Punt 3.A jinbidel b'dan li ġej:

"A. Persuni impjegati:

(a) b'mod ġenerali:

Istituto nazionale della previdenza sociale (Isituzzjoni Nazzjonali tal-Benesseri Soċjali), uffiċjali provinċjali;

(b) għall-ħaddiema fin-negozju ta' l-intratteniment:

Ente nazionale di previdenza e assistenza per i lavoratori dello spettacolo (Uffiċċju Nazzjonali għall-Benesseri u l-Assistenza għall-Ħaddiema fin-Negozju ta' l-Intratteniment), Roma;

(c) għall-ġurnalisti:

Istituto Nazionale di previdenza dei giornalisti italiani 'Giovanni Amendola' (L-Istitut Nazzjonali ta' l-Assistenza Soċjali għall-Ġurnalisti Taljani 'Giovanni Amendola')."

(ii) Il-Punt 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Għotjiet mal-mewt:

Istituto nazionale della previdenza sociale (Isituzzjoni Nazzjonali tal-Benesseri Soċjali), uffiċjali provinċjali;

Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (Istituzzjoni Nazzjonali għall-Assikurazzjoni kontra l-Inċidenti fil-Post tax-Xogħol), uffiċċji provinċjali; IPSEMA."

(c) Is-Sezzjoni "K. ĊIPRU" tinbidel b'dan li ġej:

"K. ĊIPRU:

1. Benefiċċji mhux fi flus:

Υπουργείο Υγείας, Λευκωσία, (Il-Ministeru tas-Saħħa, Lefkosia).

2. Benefiċċji fi flus:

Υπηρεσίες Κοινωνικών Ασφαλίσεων, Υπουργείο Εργασίας και Κοινωνικών Ασφαλίσεων, Λευκωσία (Id-Dipartiment tas-Servizzi ta' l-Assikurazzjoni Soċjali, fil-Ministeru tax-Xogħol u l-Assikurazzjoni Soċjali, Lefkosia).

3. Benefiċċji tal-familja:

Υπηρεσία Χορηγιών και Επιδομάτων, Υπουργείο Οικονομικών, Λευκωσία (Is-Servizz ta' l-Għotjiet u l-Benefiċċji, fil-Ministeru tal-Finanzi), Lefkosia."

(d) Is-Sezzjoni "L. IL-LATVJA" tinbidel b'dan li ġej:

"L. IL-LATVJA:

Il-kompetenza ta' l-istituzzjonijiet għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Latvja, sakemm m'huwiex speċifikat mod ieħor minn hawn 'il quddiem.

1. Għall-kontinġenzi kollha, ħlief għall-kura tas-saħħa mogħtija mhux fi flus:

Valsts sociālās apdrošināšanas aģentūra, Rīga (L-Aġenzija Statali ta' l-Assikurazzjoni Soċjali, Riga).

2. Kura tas-saħħa mogħtija mhux fi flus:

Veselības obligātās apdrošināšanas valsts aģentūra, Rīga (L-Aġenzija Statali ta' l-Assikurazzjoni Soċjali Obbligatorja, Riga)."

(e) Is-Sezzjoni "O. L-UNGERIJA" hija emendata kif ġej:

Il-Punt 6 jinbidel b'dan li ġej:

(i) Il-Punt 1(1) jinbidel b'dan li ġej:

"1. Mard u Maternità:

Benefiċċji mhux fi flus u benefiċċji fi flus

Országos Egészségbiztosítási Pénztár és a megyei egészségbiztosítási pénztárak (Fond Nazzjonali ta' l-Assikurazzjoni tas-Saħħa u l-Fondi Reġjonali ta' l-Assikurazzjoni tas-Saħħa)."

(ii) Il-Punt I.6. jinbidel b'dan li ġej:

"6. Benefiċċji tal-Familja:

Benefiċċji fi flus:

1. Magyar Államkincstár (It-Teżor ta' l-Istat Ungeriż);

2. Országos Egészségbiztosítási Pénztár (Il-Fond Nazzjonali ta' l-Assikurazzjoni fuq is-Saħħa)."

(iii) Il-Punt II.1. jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sickness and maternity:

Benefits in kind and cash benefits:

Országos Egészségbiztosítási Pénztár és a megyei egészségbiztosítási pénztárak (National Health Insurance Fund and the Regional Health Insurance Funds)."

(iv) Point II.6. is replaced by the following:

"6. Benefiċċji tal-familja:

Benefiċċji fi flus:

1. Magyar Államkincstár Budapesti és Pest megyei Regionális Igazgatósága (Direttorat Reġjonali f'Budapest u Pest County tat-Teżor ta' l-Istat Ungeriż);

2. Országos Egészségbiztosítási Pénztár (Fond Nazzjonali ta' l-Assikurazzjoni tas-Saħħa)."

(f) Is-Sezzjoni "Q. L-OLANDA" hija emendata kif ġej:

Il-Punt 1(a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) benefiċċji mhux fi flus:

(i) isitiuzzjoni tal-post ta' residenza:

CZ, Tilburg;

(ii) isitiuzzjoni tal-post ta' domiċilju:

Onderlinge Waarborgmaatschappij Agis Zorgverzekeringen u.a. (Assoċjazzjoni ta' l-Assikurazzjoni Reċiproka Kontra l-Mard), Amersfoort."

(g) Is-Sezzjoni "R. L-AWSTRIJA" hija emendata kif ġej:

(i) Il-Punt 1(b)(ii) jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) fil-każ ta' trattament fi sptar li jkun responsabbli għalih xi fond reġjonali tas-saħħa, il-fond reġjonali tas-saħħa (Landesgesundheitsfonds) kompetenti għall-post ta' residenza jew post ta' domiċilju tal-persuna kkonċernata;"

(ii) Il-Punt 2(b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) Fil-każijiet l-oħra kollha bl-eċċezzjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53 tar-Regolament implimentattiv:

Pensionsversicherungsanstalt, Wien (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni tal-Pensjoni, Vjenna)."

(iii) Il-Punt 3(a)(ii) jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) fil-każ ta' kura fi sptar li għalih huwa responsabbli fond reġjonali tas-saħħa, il-fond reġjonali tas-saħħa (Landesgesundheitsfonds) kompetenti għall-post tar-residenza jew il-post fejn tkun qiegħda l-persuna kkonċernata;"

(iv) Il-Punt 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Benefiċċji tal-familja:

Finanzamt (L-Uffiċċju tat-Taxxa) kompetenti għall-post tar-residenza jew il-post fejn tkun qiegħda l-persuna kkonċernata."

(h) Is-Sezzjoni "S. IL-POLONJA" hija emendata kif ġej:

(i) Il-Punt 2(a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) għall-persuni li reċentement kienu impjegati jew jaħdmu għal rashom, eskluż l-bdiewa li jaħdmu għal rashom, u għal suldati u uffiċjali professjonali li kkompletaw perjodi ta' servizz għajr dawk imniżżla fis-subpunti (c), (d) u (e):

1. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Łódź – għall-persuni li kkompletaw perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fi Spanja, il-Portugall, l-Italja, il-Greċja, Ċipru jew Malta;

2. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Nowy Sącz – għall-persuni li kkompletaw:

(a) b'mod esklużiv perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki, li joqogħdu fit-territorju ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja jew is-Slovenja;

(b) perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fl-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja jew is-Slovenja;

3. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Opole – għall-persuni li kkompletaw perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fil-Ġermanja;

4. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Szczecin – għall-persuni li kkompletaw perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fid-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Litwanja, il-Latvja jew l-Estonja;

5. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – I Oddział w Warszawie – Centralne Biuro Obsługi Umów Międzynarodowych (u l-Fergħa f'Varsavja – L-Uffiċċju Ċentrali għall-Ftehim Internazzjonali) – għall-persuni li kkompletaw perjodi ta' assigurazzjoni Pollakki u barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fil-Belġju, Franza, l-Olanda, il-Lussemburgu, l-Irlanda jew ir-Renju Unit."

(ii) Il-Punt 2(g) jinbidel b'dan li ġej:

"(g) għall-persuni li kkompletaw b'mod esklużiv perjodi ta' assigurazzjoni barranin:

1. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Łódź – għall-persuni li kkompletaw perjodi ta' assigurazzjoni barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fi Spanja, il-Portugall, l-Italja, il-Greċja, Ċipru jew Malta;

2. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Nowy Sącz – għall-persuni li kkompletaw perjodi ta' assigurazzjoni barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fl-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja jew is-Slovenja;

3. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Opole – għall-persuni li kkompletaw perjodi ta' assigurazzjoni barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fil-Ġermanja;

4. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – L-Uffiċċju tal-Fergħa f'Szczecin – għall-persuni li kkompletaw perjodi ta' assigurazzjoni barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fid-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Litwanja, il-Latvja jew l-Estonja;

5. Zakład Ubezpieczeń Społecznych (L-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali – ZUS) – I Oddział w Warszawie – Centralne Biuro Obsługi Umów Międzynarodowych (u l-Fergħa f'Varsavja — L-Uffiċċju Ċentrali għall-Ftehim Internazzjonali) – għall-persuni li kkompletaw perjodi ta' assigurazzjoni barranin, inklużi perjodi li ġew ikkompletati dan l-aħħar fil-Belġju, Franza, l-Olanda, il-Lussemburgu, l-Irlanda jew ir-Renju Unit."

(iii) Il-Punt 3(b)(ii) jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) diżabbiltà jew mewt tal-persuna li taqla' l-paga prinċipali:

— għall-persuni li reċentement kienu impjegati jew jaħdmu għal rashom (eskluż l-bdiewa li jaħdmu għal rashom):

l-unitajiet ta' l-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali (Zakład Ubezpieczeń Społecznych) elenkati fil-punt 2(a);

— għall-persuni li reċentement kienu bdiewa li jaħdmu għal rashom:

l-unitajiet tal-Fond Agrikolu ta' l-Assigurazzjoni Soċjali (Kasa Rolniczego Ubezpieczenia Społecznego) elenkati fil-punt 2(b);

— għas-suldati professjonali fil-każ ta' perjodi ta' servizz militari Pollakki, jekk l-aħħar perjodu kien il-perjodu ta' servizz imsemmi, u ta' perjodi ta' assigurazzjoni barranin:

Wojskowe Biuro Emerytalne w Warszawie (L-Uffiċċju tal-Pensjonijiet Militari f'Varsavja), jekk hija l-istituzzjoni kompetenti msemmija fl-Anness 2(3)(b)(ii) it-tielet inċiż;

— għall-uffiċjali msemmija fil-punt 2(d), fil-każ ta' perjodi ta' servizz militari Pollakki, jekk l-aħħar perjodu kien il-perjodu ta' servizz f'waħda mill-formazzjonijiet elenkati fil-punt 2(d), u ta' perjodi ta' assigurazzjoni barranin:

Zakład Emerytalno-Rentowy Ministerstwa Spraw Wewnętrznych i Administracji w Warszawie (L-Uffiċċju tal-Pensjoni tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Interni u l-Amministrazzjoni f'Varsavja), jekk din hija l-istituzzjoni kompetenti msemmija fl-Anness 2(3)(b)(ii) ir-raba' inċiż;

— għall-Uffiċjali tal-Gwardja tal-Ħabs, fil-każ ta' perjodi ta' servizz Pollakki, jekk l-aħħar perjodu kien il-perjodu tas-servizz imsemmi, u ta' perjodi ta' assigurazzjoni barranin:

Biuro Emerytalne Służby Więziennej w Warszawie (L-Uffiċċju tal-Pensjoni tas-Servizz tal-Ħabs f'Varsavja), jekk din hija l-istituzzjoni kompetenti fl-Anness 2(3)(b)(ii) il-ħames inċiż;

— għall-imħallfin u l-prosekuturi:

l-entitajiet speċjalizzati tal-Ministeru tal-Ġustizzja;

— għall-persuni li kkompletaw b'mod esklużiv perjodi ta' assigurazzjoni barranin:

l-unitajiet ta' l-Istitut ta' l-Assigurazzjoni Soċjali (Zakład Ubezpieczeń Społecznych) elenkati fil-punt 2(g)."

4. **L-Anness 4 huwa emendat kif ġej:**

(a) Is-Sezzjoni "K. ĊIPRU" tinbidel b'dan li ġej:

"K. ĊIPRU:

1. Benefiċċji mhux fi flus:

Υπουργείο Υγείας, Λευκωσία (Il-Ministeru tas-Saħħa, Lefkosia).

2. Benefiċċji fi flus:

